Il-Kummissjoni Ewropea


© Frank Vassen

# Rispons tal-Kummissjoni għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!"

5 ta' April 2023
#EUGreenDeal
#EUTakeTheInitiative

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa: għal agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b'saħħtu"

Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

appoġġata minn aktar minn **miljun ċittadin** madwar l-UE

**Tistieden lill-Kummissjoni biex:**

- tneħħi gradwalment il-pestiċidi sintetiċi sal-2035
- tirrestawra l-bijodiversità fl-agrikoltura
- tappoġġa lill-bdiewa fit-tranżizzjoni lejn biedja sostenibbli

## Għaliex hija importanti

Il-kriżijiet interkonnessi tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità ta' theddida għall-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel fuq perjodu twil tal-Ewropa.


©LIFE19 NAT/IT/000848
©LIFE19 NAT/IT/000848
©Frank Vassen

**Fl-UE, waħda minn kull tliet speċijiet ta' naħal, friefet u hoverfly qed tonqos.**

Nuqqas ta' dakkara jfisser l-ebda ħajja fuq il-pjaneta. Li nitilfu l-insetti dakkara jiddestabilizza l-funzjonament tal-ekosistemi.

**80% tal-ispeċijiet tal-għelejjel u tal-pjanti selvaġġi li jagħmlu l-fjuri jiddependu fuq id-dakkir tal-annimali.**


© Getty Images




# Rispons tal-Kummissjoni

- Il-Kummissjoni tilqa' din l-inizjattiva, hekk kif it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità jikkostitwixxu sfidi dejjem akbar għall-agrikoltura tal-Ewropa.
- Il-prijorità issa hija l-ħidma lejn l-**adozzjoni rapida** tal-proposti leġiżlattivi magħmula mill-Kummissjoni u li bħalissa qed jiġu negozjati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-UE, filwaqt li **tinżamm ambizzjoni għolja**.
- L-**implimentazzjoni** effettiva u f'waqtha tagħhom flimkien mal-**Politika Agrikola Komuni (PAK)** taħt il-**Patt Ekoloġiku Ewropew** huma essenzjali.

**Mill-bidu tal-IĊE fl-2019, il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet ambizzjużi taħt il-Patt Ekoloġiku Ewropew biex tindirizza t-tnaqqis tad-dakkara u tiżgura s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel:**

### Inizjattiva riveduta tal-UE dwar id-Dakkara: Il-Patt il-Ġdid għad-Dakkara

- **42 azzjonijiet** biex **jiġu indirizzati l-kawżi** tat-tnaqqis tad-dakkara, **jittejjeb l-għarfien** u **jiġu mobilizzati l-atturi kollha** madwar is-soċjetà

### L-Istrateġija tal-UE Mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija tal-Bijodiversità

- **10%** taż-żona agrikola għandu jkollha karatteristiċi ta' **diversità għolja**, pereżempju biċċiet ta' art ta' lqugħ, raba' mistrieħa rotazzjonali jew mhux rotazzjonali, ħitan tal-għelieqi, għadajjar, għar-restawr tal-bijodiversità fl-agrikoltura
- Mill-inqas **25%** tal-art agrikola għandha tkun **biedja organika**
- **Jitnaqqas it-telf tan-nutrijenti** mill-agrikoltura **b'mill-inqas 50% sal-2030**, filwaqt li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda deterjorament fil-fertilità tal-ħamrija

### Proposta għal-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura

- **Miri vinkolanti** ġodda għar-**restawr** tal-**ekosistemi agrikoli**
- **Jitreġġa' lura t-tnaqqis** tal-popolazzjonijiet tad-dakkara **sal-2030** u jiġu mmonitorjati b'mod regolari

### Proposta għal Regolament dwar l-"Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi"

- **Jitnaqqas ir-riskju u l-użu** ta' **pestiċidi kimiċi** fl-agrikoltura tal-UE **b'50% sal-2030**
- Fondi tal-PAK biex il-**bdiewa jiġu kkumpensati għal 5 snin** waqt it-tranżizzjoni

### Il-Politika Agrikola Komuni tal-UE għall-perjodu 2023-2027

- Il-fondi tal-PAK jinkludu **sett ta' kundizzjonijiet ambjentali** , li jkopru **90%** taż-żona agrikola fl-UE
- **€100 biljun** f'**appoġġ għal bdiewa** għat-tranżizzjoni ekoloġika
- **49.5 miljun ettaru** li għandhom ikunu koperti minn **miżuri addizzjonali** li jappoġġaw il-konservazzjoni/restawr tal-bijodiversità jew it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi. Prattiki agrikoli appoġġati jistgħu jinkludu l-**biedja organika**, **l-agroekoloġija**, jew il-**biedja ta' preċiżjoni**

### Impenji globali tal-UE

- Fil-**Qafas Globali tal-Bijodiversità**, maqbul f'Diċembru 2022 f'Montréal, l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom li **jnaqqsu bin-nofs** ir-**riskju ġenerali** kkawżat mill-**pestiċidi sal-2030**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

**Stampar** ISBN 978-92-68-01699-2 doi:10.2779/005758 KH-05-23-107-MT-C

**PDF** ISBN 978-92-68-01697-8 doi:10.2779/525048 KH-05-23-107-MT-N

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023 © Unjoni Ewropea, 2023. L-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa permess, dment li jingħata kreditu adegwat u kull tibdil jiġi indikat. (Liċenzja Internazzjonali Creative Commons Attribution 4.0). Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni tal-elementi li l-UE m'għandhiex is-sjieda tagħhom, jeħtieġ li jingħata permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi. L-immaġnijiet kollha © Unjoni Ewropea, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.